MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 57/2000/1

**Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**Thomas u Nadia Fenech u b’digriet tal-Bord tal- 5 ta’ Lulju 2007, wara l-mewt tal-intimat, l-atti kienu trasfuzi f’isem l-istess Nadia Fenech.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

“Illi l-initmati gew notifikati b’Avviz ghall-ftehim datat 18 t’ Ottubru 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’San Giljan tal-kejl ta’ cirka 21 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Edgar Calleja u ohrajn u min-nofsinhar u mix-xlokk ma’ proprjeta ta’ Kurunell Court Company Limited huwa ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) kif jidher mir-rapport

tal-perit Carmen V. Sutton A&CE tal-5 ta' Settembru, 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru, 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tmien elef u hames mitt lira Maltija (Lm8,500).

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bictejn art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimati xehdu li huma irrifjutaw il-kumpens offert ghaliex l-istima maghmula mill-perit arkitett minnhom inkarigat hija ta' Lm8500 u ghalhekk ferm aktar minn dik offerta. Di piu' l-intimati ghandhom il-gnien tad-dar taghhom imiss mal-art espropprijata kif ukoll li din l-art inbieghet mill-Gvern lill-kumpanija privata.

Illi l-periti membri assenjati biex jassistu lill-dan il-Bord, ikkonkludew fir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza, li l-kumpens gust ghal art esproprijata ghandu jkun iffissat fil-valur ta' sitt elef mitejn u disa u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu (Euro 6289.31)

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut , l-art li qed tkun dikjarata fabrikabbli f’San Giljan tal-kejl ta’ cirka 21 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Edgar Calleja u ohrajn u min-nofsinhar u mix-xlokk ma’ proprjeta ta’ Kurunell Court Company Limited bil-kumpens ta’ sitt elef mitejn u disa u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu (Euro 6289.31). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fil-15 t’April, 2008 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------